# Il-Paniġierku tal-Festa u xi tagħrif ieħor

*- jissokta minn tas-sena l-oħra*

Hadt interess kbir naqra l-artiklu dwar min kien għamel il-paniġierki fil-Festi tal-Padruna tagħna Santa Venera V.M. Dan l-artiklu deher fil-programm tal-Festa tas-sena l-oħra.

F'dan l-artiklu dehret lista tas-saċerdoti li għamlu l-paniġierku b'tifħir lill-qaddisa tagħna sa mill-1952 'l hawn pero b'ħames snin neqsin. Mill-ewwel ħadt deċiżjoni li nipprova nsib l-ismijiet tal-predikaturi ta' dawk is-snin neqsin, li kienu 1954, 1956, 1958, 1962 u 1963. Irnexxieli nsib l-ewwel tlieta li kienu:

1954 - Rev. Patri Pawl Pisani O.F.M.
1956 - Rev. Patri Pirjol Salv. Portelli O.E.S.A.
1958 - Rev. Kappillan Dun Ġużepp Cauchi

S'issa għadni ma ltqajtx ma' l-ismijiet ta' min għamel l-paniġierku fis-snin 1962 u 1963. Dawn jistgħu jinstabu jekk xi ħadd għandu kopja tal-ktejjeb dwar il-Festa li kien joħroġ dak iż-żmien. Kien ukoll ikun stampat programm tal-Festa fuq *poster* imdaqqas li kien jitqassam u jitwaħħal fil-vetrini tal-ħwienet. Tħajjart ukoll li mmur aktar lura fiż-żmien. Ridt nittanta xortija u nagħmel riċerka sa minn meta Santa Venera saret Viċi - Parroċċa fis-sena 1913. Jiena ċert li festa, kbira jew żgħira, kienet issir kemm ġewwa l-knisja kif ukoll barra. Fittixt u qallibt f'ġurnali u perjodiċi antiki, iżda jidher li ftit jew xejn kien jinkiteb materjal dwar il-festa tagħna. Fl-ewwel snin tal-parroċċa tagħna ma ltqajt ma ebda tagħrif iżda mill-1929 bdejt insib, speċjalment fil-'Leħen is-Sewwa' li kienet tistampa ruħha fl-Istitut ta' San Ġużepp li jinsab fil-Parroċċa tagħna. Wieħed ma jridx jaqta' qalbu, u jista' jkun li xi darba għad ikollna suċċess fit-tiftix dwar il-predikaturi kollha li għamlu l-paniġierki fil-festa tagħna. Lista ta' min għamel il-paniġierku mill-1929 sal-1951 b'xi snin neqsin hi din:

1929 - Rev. Dun Lawrenz Seguna, Missjunarju

*ikompli f'paġna 55*

*minn paġna 53*

1930 - Rev. Dun Gejt Mifsud - Kappillan tal-Ħamrun
1935 - Wisq Rev. Mons. F. Grech
1936 - Rev. Patri Rafel Caruana O. Carm.
1938 - Rev. Patri Lorenzo Sammut O. Carm.
1939 - Rev. Dun Ġorġ Borġ.
1943 - Rev. Dun Mikiel Spiteri
1944 - E.T. Mons. Emm. Galea Vigarju Ġenerali
1945 - Rev. Patri Anastasju Cuschieri O.Carm.
1946 - Rev. Patri Agostino M. Caruana O.Carm.
1947 - Rev. Patri Klement Caruana O.Carm.
1948 - Rev. Patri Rafel Caruana O.Carm.
1949 - Rev. Patri Edward M. Vella O.Carm.
1950 - Rev. Prof. Renato Cirillo
1951 - Rev. Kanonku Kap. Mons. Salv. Milanese

Mal-lista tas-sena l-oħra, irnexxielna nżidu tmintax-il isem ieħor ta' predikaturi tal-paniġierki. Dan it-tagħrif irnexxieli nsibu f'ħarġiet antiki ta' *Leħen is-Sewwa*, *Il-Karmelu* u *Il-Berqa*. Fittixt ukoll f'ħarġiet ta' *Il-Ħabib*, *Il-Ħabbar*, *Malta Times*, *Daily Malta Chronicle*, *L-Orizzont*, *Il-Ħaddiem*, *Il-Ħajja*, *Il-Patria*, eċċ..., iżda jidher li ma kienx ikun stampat tagħrif dwar il-festa tagħna.

## *Tagħrif ieħor*

Tagħrif ieħor (li m'għandu x'jaqsam xejn mal-paniġierki) iltqajt miegħu u ta' min isemmieh:-

a. Jidher ċar li l-Festa ta' Santa Venera minn dejjem kienet tiġi ċċelebrata l-Ħadd, 26 ta' Lulju jew l-ewwel Ħadd li jiġi wara. Minn xi snin 'l hawn, il-Festa qiegħda ssir dejjem fl-aħħar Ħadd ta' Lulju.

b. Fid-*Daily Malta Chronicle* tal-Ġimgħa 26 ta' Lulju 1918 (is-sena meta Sta. Venera saret Parroċċa), dehret l-aħbar li l-Festa kellha ssir il-Ħadd li jmiss. Fil-għodu, jum il-Festa, kellha ssir fiera ħdejn il-Knisja li fiha jinbiegħu oġġetti li jogħġbu l-aktar lit-tfal. Fil-għaxija, il-Banda 'San Giuseppe' tal-

***ikompli f'paġna 57***

*minn paġna 55*

Ħamrun kellha tagħmel marċi u programm ta' daqq.

ċ. Fl-1941 (*Leħen is-Sewwa* ta' 25-7-41), il-Festa saret ġewwa biss. F'jum il-Festa, fis-6.00 p.m. saru l-Vespri, paniġierku (isem tal-predikatur ma jissemmiex) u purċissjoni bir-relikwa tal-qaddisa madwar il-Knisja. Naturalment dan ġara minħabba l-gwerra, kif kien isir f'parroċċi oħra wkoll.

d. Fil-ġurnal *Il-Ħabib* tas-Sibt, 30 ta' Lulju, 1921 tidher din l-aħbar dwar ir-raħal tagħna. Ta' min jiktibha hawn biex ma tibqax mitlufa f'ġurnal ta' kważi tmenin sena ilu:

"Il-Ħadd, 17 minn dan, Mons. Isqof Portelli, wara li għamel il-Griżma lil ħafna tfal fil-Parroċċa ta' Santa Venera, ikkonsagra qanpiena ġdida ta' tliet qnatar u xi ħaġa, għal dik il-Knisja. Malli spiċċat il-funzjoni tellgħuha u daqqet flimkien ma' l-oħrajn, quddiem l-imgħallem li dewwibha, Ġużè Abela tal-Ħamrun, quddiem il-Parrinu s-Sur John Apap u quddiem kotra kbira ta' nies. Il-qanpiena semmewha *Johanna*".

Tgħid baqa' xi Vendriż jew Vendriża li ħadu l-Griżma dak in-nhar jew jiftakru din iċ-ċerimonja?

***miktub mis-Sur Charles J. Scerri***

<u>Nota Editorjali:</u>

*Grazzi għar-riċerka li kien għamel is-sena l-oħra s-Sur Michael Zerafa, Viċi-President tal-Kumitat, waslet biex tqajjem interess kbir fost Vendriżi u Parruċċani li ilhom jgħixu f'Sta. Venera u li dejjem segwew mill-viċin il-funzjonijiet ta' żminijiet tal-Festa. Niftakar meta ġie ppubblikat il-ktejjeb tal-Festa li għaddiet, kienu diversi nies li avviċinawna u saħansitra ppruvaw ukoll biex isibu l-isem tal-predikatur tal-paniġierki tas-snin li kienu neqsin. Kien fi Frar li l-artikolista ta' dan l-artiklu kien ċemplilna u qalilna bir-riċerka li kien qiegħed jagħmel u staqsiena jekk ikunx possibbli li nippubblikawlu l-artiklu. Għall-Kumitat dan huwa sodisfazzjon kbir għax hawnhekk juri kemm verament li dan il-ktejjeb, meta jitqassam, ikun hawn min jaraħ u saħansitra anke jaqra l-artikli li minn sena għal oħra nippubblikaw.*